





# Il-Baned fiż-Żejtun

Tagħrif miġbur mis-Sur Ramon Psaila

Każ interessanti u ta' min wieħed jirrifletti u jkun jaf aktar dwaru, hija l-mixja tal-baned fir-raħal taż-Żejtun. Kull annu jew data li jorbtu t-twaqqif ta' xi għaqda jridu jkunu sostnuti minn xhieda u provi ta' dokumenti li jiżguraw din l-asserzjoni, inkella jibqgħu biss stħajjil, ħolm u xewqat.

L-ewwel darba li fiż-Żejtun instemgħet xi għamla ta' banda mużikali kienet fil-festa ta' Santa Katarina tas-sena 1801 fejn il-prokuratur Dun Vincenzo Borġ ħallas 10 skudi tas-servizz provdut waqt il-festa (ref. Żejtun manuskritt parrokkjali 3) iżda minn tassew kienet din il-banda u xi truf għandha marbuta għad irridu niksbu aktar tagħrif u nsibu li dan is-servizz kompla jiġi mtenni għal xi snin wara u għalhekk xejn ma nistagħġeb minn fejn ġejja l-frażi ta' Santa Katerina zinn zinn zinn.

Mal-miġja tal-Ingliżi fil-gżejjer, it-tkabbir tal-qoton aktar sab art għammiela u ssokta jgħattaq sew il-bejgħ u xiri ta' din ix-xitla u wieħed mill-akbar postijiet għal dan it-tip ta' kummerċ kien iż-Żejtun.

Fost dawn in-negozjanti nsibu liċ-ċittadin Taljan Gio Batta Diacono li kompla saħħaħ il-qagħda ta' familtu fiż-Żejtun, u li wara fiż-żmien flimkien mal-kompożitur Taljan Michele de Ferreris, fl-1832 waqqfu fiż-Żejtun orkestra għalkemm jista' jkun li kienet xi ftit qabel ukoll fl-1829 sabiex tieħu sehem fil-funzjonijiet reliġjużi.

Din bit-tajjeb u bil-ħażin damet għaddejja għal bosta snin li matul din il-firxa mhux darba jew tnejn kien sar sforz biex tiġi mibdula għal dahra ta' Banda u mal-medda ġiet imwaqqfa l-Banda del Zejtun sabiex tieħu parti wkoll fil-gilwa tal-Ġimgħa l-Kbira, li kienet diġà magħrufa fil-lokalità u l-irħajla tal-madwar ta' min wieħed ikun jaf ukoll li f'dik il-ħabta l-Monument bi



La Societa' Filarmonica del Zeitun
L' UNIONE
ESEGUIRA'
Sabato 12 Settembre 85 alle ore
in Casal Zabbar
IL SEGUENTE
PROGRAMMA
N° 1 March ...
" 2 Sinfonia ...
" 3 Selection ...
" 4 Masurka ...
" 5 Valzer ...
" 6 Quadriglie ...
" 7 GOD SAVE THE QUEEN.
ORAZIO DIACONO
Direttore

Għaqda Banda Żejtun Manifest Festa Casal Zabbar



— 10 —

LISTA TA' BANED

Lista ta' Baned Maltin li kienu ġa mwaqqfin fiż-żmien li twaqqfet il-Banda Sant'Andrija: iġifieri 1883.

NAZIONALE LA VALLETTE ........ Valletta
*Direttur* E. Bartoli

NAZIONALE VINCITRICE ........ Valletta
*Direttur* E. Sassone

NAZIONALE VILHENA ........ Floriana
*Direttur* C. Abela

PROGRESSO VINCITRICE ........ Senglea
*Direttur* C. Abela Scolaro

LA SENGLE' ........ Senglea
*Direttur* P. Miruzzi

SAN GIORGIO ........ Cospicua
*Direttur* C. Abela

L'ISLEADAM ........ Notabile
*Direttur* E. Agius *Assistent Direttur* C. Spiteri

CONTE RUGGIER ........ Notabile
*Direttur* F. Xuereb

SOC: FILARM: DI BIRCHIRCARA ........ Birchircara
*Direttur* T. Galea

" " DEL ZEBBUG ........ Zebbug
*Direttur* M.A. Debono

" " DEI CURMINI ........ Curmi
*Direttur* G. Zarb

" " DEL ZURRICO ........ Zurrico
*Direttur* C. Zammit

" " DELLA MUSTA ........ Musta
*Direttur* G. Demajo

" " LA STELLA ........ Zeitun
*Direttur* A. Mifsud

" PALMA ........ Zeitun
*Direttur* Gio Batta Cassar

*Ara Guida Generale di Malta per l'Anno 1883 (Anno III) di Giovanni Muscat: Pagina 99 — 101*

Guida Generale 1883


Pagati per la banda della vigilia, e festività di S. Catarina - - - - - - 13:11

Irċevuta minn manuskritt parrokkjali tas-sena 1803 li jitfa' dawl fiż-Żejtun kienet tieħu sehem banda

Kristu mejjet kien ikun imwennes minn strumenti tal-korda jakkumpanjaw il-kor fil-kant tal-Miserere.

Għalkemm iż-żminijiet huma kemxejn imbiegħda bit-tbannis xorta nistgħu ngħidu li l-Banda del Zejtun inqasmet f'epoka meta Malta kien isaltan taħbil kbir u firda speċjali enormi bejn il-klassijiet tal-poplu minħabba l-kwistjoni tal-lingwa liema waħda kellha tkun uffiċjali bejn it-taljan u l-ingliż, storikament huwa pruvat li fiż-Żejtun sal-1883 diġà kienu jeżisti u uffiċjalment rikonnoxxuti żewġ baned mużikali.

Is-Soċjetà Filarmonica La Stella bis-Surmast Direttur A. Mifsud u s-Soċjetà Filarmonica Palma bis-Surmast Direttur Gio Batta Cassar (ref. Guida Generale di Malta 1883).

Huwa fatt magħruf ukoll li s-sur Orazio Diacono, li jiġi bin Gio Batta u missier il-kompożitur ċelebri Żejtuni Carlo Diacono, ħawtel mhux ftit biex jamalgama lil dawn iż-żewġ baned rivali Żwieten. Irnexxielu jgħaqqadhom u minħabba dan il-ġest ta' ħbiberija ħadu l-isem ta' La Società Filarmonica del Zeitun Banda Unione li fil-loġika kien l-aħjar isem li seta' jinsab miż-żewġ għaqdiet u ħatru lil Orazio Diacono stess bħala Surmast Direttur.

Iżda l-problemi li kien hemm qabel baqgħu hemm u sfortunatament il-Banda Unione damet tiffunzjona anqas minn sentejn, eżattament sa Settembru 1885 bl-aħħar programm isir fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żabbar (ref. Għaqda Banda Żejtun manifest festa casal Zabbar).

Wara nkwiet li kien ilu jinħema u xpakka fuq il-planċier waqt din il-festa, u l-Banda Unione XOLJIET bil-proprjetà mobbli kollha li kellha tinqasam fost il-membri li din l-għaqda kellha djun magħhom. Dejjem skont id-dokumenti nsibu li fiż-Żejtun fis-sena 1887 reġgħet twaqqfet banda oħra bl-isem ta' Società Filarmonica del Zeitun (ref guida generale di malta 1887) taħt il-presidenza tas-sur Francesco Saverio Mifsud li wara niltaqgħu miegħu bħala wieħed mill-pilastri maċ-Circolo Musicale Sta Katarina u Direttur Mużikali s-Sur Gio Batta Cassar eżattament l-istess Surmast li kien jidderieġi s-Società Filarmonica La Palma, li milli jidher din is-soċjetà ma tantx damet maqgħuda wkoll, għax wara dan il-perjodu fiż-Żejtun naraw lis-Sur Orazio Diacono kewwen banda oħra l-Għaqda Mużikali Beland (magħrufa tal-laqx)


107

**Società Filarmonica del Cavaliere.**

ZURRICO.

*Scuola, 20, Strada Britannica.*

Presidente ... ... ... Cav. CARLO. de' Marchesi BARBARO.
Direttore ... ... ... C. ZAMMIT.

**Società Filarmonica della Musta.**

*Casino e Scuola, Strada Reale.*

Direttore ... ... ... ... ... G. BORG.

**Società Filarmonica del Zeitun.**

*Scuola, Strada Santa Caterina.*

Presidente ... ... ... FRANCESCO SAV. MIFSUD.
Direttore ... ... ... GIO. BATTA CASSAR.

**Società Filarmonica St' Andrea.**

LUCA.

*Casino e Scuola, 163, Strada Carmine.*

Presidente ... ... ... Marchese GIORGIO C. BARBARO
Direttore ... ... ... TOMMASO GALEA.

**Società Filarmonica L'Unione.**

LUCA.

*Casino e Scuola, Strada San Giuseppe.*

Direttore ... ... GAVINO CAMILLERI.

**Società Filarmonica Vittoria.**

NAXARO.

*Scuola, 131, Strada Santa Lucia.*

Direttore ... ... ... CARMELO SPITERI.

Guida Generale 1887

eżattament fil-25 ta' Settembru 1888 (ref. storja taż-Żejtun E. B. Vella) li hija l-eqdem banda li għada tiffunzjona fiż-Żejtun sal-lum.

F'qasir żmien minn meta ġiet imnebta l-Banda Beland kellha nkwiet serju intern u minnha tkewwen iċ-Circolo Musicale Santa Katerina fl-1892 (magħruf tal-laċċi) taħt il-President Francesco Felice u direttur mużikali Napuljun Caruana Dingli u bejn dawn iż-żewġ soċjetajiet żviluppat pika tremenda. L-eqdem banda fiż-Żejtun reġa' kellha tilwim ieħor fost il-membri din id-darba politiku fl-1927 meta fiż-Żejtun beda jbaqbaq u jinfirex l-ideal Laburista fost il-ħaddiema tat-tarzna u tax-xatt u xi żgħażagħ ribelli wara argumenti sħan telqu mis-Soċjetà Mużikali Beland flimkien mal-bandisti ta' twemmin xellugi u ffurmaw iż-Żejtun Labour Jazz Band li kienet fergħa mużikali fi ħdan il-Każin tal-Partit tal-Ħaddiema taż-Żejtun fejn kellha wkoll sehem dirett fl-attivitajiet tal-Partit tal-Ħaddiem Ċentrali mmexxi mit-Tabib Pawlu Boffa u fil-1933 sawret l-Għaqda Banda Żejtun (magħrufa tal-Labour), u wara nislet ukoll il-Banda tal-Partit Laburista (magħrufa M.L.P. jew P.L.).

F'era meta l-poplu Żejtuni fil-maġġoranza tiegħu kien illetterat u t-tagħlim għalih kien marbut fil-qajd seta' jingħadlu dak kollu li jaqbel, iżda llum ma tistax tkompli tgħawweġ is-sewwa magħruf u ma tkunx ħaġa onesta li fiż-Żejtun nirkbu mal-ġlajkiet ta' familja.